Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2629 22.11.2023

**REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2629**

**tal-20 ta’ Novembru 2023**

**li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta’ konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) ([1]), u b’mod partikolari l-Artikoli 230(1) u 232(1) u (3) tiegħu.

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li biex jidħlu fl-Unjoni, il-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f’konformità mal-Artikolu 230(1) ta’ dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta’ ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom għad-dħul fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi tal-pajjiżi terzi, it-territorji, iż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(4) B’mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi tal-pajjiżi terzi, jew it-territorji jew iż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta’ konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) Il-Kanada nnotifikat lill-Kummissjoni dwar erba’ tifqigħat ta’ influwenza avjarja b’patoġeniċità għolja (HPAI) fil-pollam fil-provinċja ta’ Saskatchewan, li ġew ikkonfermati fit-30 ta’ Ottubru 2023 u fl-1 ta’ Novembru 2023 permezz ta’ analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta’ influwenza avjarja b’patoġeniċità għolja (HPAI) fil-pollam fiż-żona amministrattiva ta’ Lincolnshire, fl-Ingilterra, li ġiet ikkonfermata fid-9 ta’ Novembru 2023 permezz ta’ analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(7) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar 13-il tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta’ Iowa (5), Minnesota (3), Montana (1), u South Dakota (4), li ġew ikkonfermati bejn it-3 ta’ Novembru 2023 u d-9 ta’ Novembru 2023 permezz ta’ analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.
([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta’ Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta’ konsenji ta’ ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).
([3]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta’ Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta’ pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta’ annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f’konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

(8) Wara dawn it-tifqigħat riċenti tal-HPAI, l-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti stabbilew żoni ristretti ta' mill-anqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika tal-qerda biex jikkontrollaw il-preżenza tal-HPAI u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(9) Il-Kanada, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti ssottomettew informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom u l-miżuri meħuda biex jevitaw aktar tixrid tal-HPAI.

(10) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jidhrilha li, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti, id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam, ta' prodotti ġerminali tal-pollam, u ta' laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa minn dawk iż-żoni jenħtieġ li jiġi sospiż, biex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni.

(11) Għalhekk jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati biex ikunu jqisu s-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-rigward tal-HPAI fil-Kanada, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti.

(12) Filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fil-Kanada, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti fir-rigward tal-HPAI, l-emendi li għandhom isiru għall-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'urġenza.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ u applikabbiltà**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2023.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni CA-2.202 sa CA-2.205 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.201:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| “**CA** Il-Kanada | CA-2.202 | BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20 | N, P1 | | 30.10.2023 | |
| | CA-2.203 | | N, P1 | | 31.10.2023 | |
| | CA-2.204 | | N, P1 | | 1.11.2023 | |
| | CA-2.205 | | N, P1 | | 1.11.2023”; | |

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela li ġejja għaż-żona GB-2.324 tiżdied wara r-ringiela għaż-żona GB-2.323:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| “**GB** Ir-Renju Unit | GB-2.324 | BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20 | N, P1 | | 9.11.2023”; | |

(iii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.493 sa US-2.505 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.492:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| “**US** L-Istati Uniti | US-2.493 | BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20 | N, P1 | | 3.11.2023 | |
| | US–2.494 | | N, P1 | | 6.11.2023 | |
| | US-2.495 | | N, P1 | | 3.11.2023 | |
| | US-2.496 | | N, P1 | | 6.11.2023 | |
| | US-2.497 | | N, P1 | | 7.11.2023 | |
| | US-2.498 | | N, P1 | | 9.11.2023 | |
| | US-2.499 | | N, P1 | | 9.11.2023 | |
| | US-2.500 | | N, P1 | | 8.11.2023 | |
| | US-2.501 | | N, P1 | | 8.11.2023 | |
| | US-2.502 | | N, P1 | | 8.11.2023 | |
| | US-2.503 | | N, P1 | | 9.11.2023 | |
| | US-2.504 | | N, P1 | | 9.11.2023 | |
| | US-2.505 | | N, P1 | | 9.11.2023”; | |

(b) il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni CA-2.202 sa CA-2.205 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.201:

| | | |
|---|---|---|
| "Il-Kanada | CA-2.202 | Saskatchewan- Latitude 52.6 Longitude -106.7<br>The municipalities involved are:<br>3km PZ: Waldheim 10km<br>SZ: Blaine Lake, Laird, Petrofka, and Waldheim |
| | CA-2.203 | Saskatchewan- Latitude 51.5, Longitude -107.28<br>The municipalities involved are:<br>3km PZ: Dinsmore<br>10km SZ: Anerley, Bounty, Bratton, Conquest, Dinsmore, and Milden |
| | CA-2.204 | Saskatchewan- Latitude 51.06, Longitude -106.33<br>The municipalities involved are:<br>3km PZ: Brownlee and Eyebrow<br>10km SZ: Brownlee and Eyebrow |
| | CA-2.205 | Saskatchewan- Latitude 52.21, Longitude -106.29<br>The municipalities involved are:<br>3km PZ: Blucher and Saskatoon<br>10km SZ: Bergheim, Blucher, Clavet, Saskatoon, and St-Denis"; |

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjoni li ġejja taż-żona GB-2.324 tiżdied wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.323:

| | | |
|---|---|---|
| "Ir-Renju Unit | GB-2.324 | near Donington, New Holland, Lincolnshire, England, GB<br>The area contained within a circle of a radius of 10km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N52.90 and Long: W0.25"; |

(iii) fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.493 sa US-2.505 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.492:

| | | |
|---|---|---|
| "L-Istati Uniti | US-2.493 | State of Iowa<br>Clay 01<br>Clay County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 95.0877604°W 43.0428604°N) |
| | US-2.494 | State of Iowa<br>Clay 02<br>Clay County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 95.0969928°W 43.0451005°N) |
| | US-2.495 | State of Iowa<br>Clay 03<br>Clay County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.9393707°W 43.0296790°N) |

| | | |
|---|---|---|
| | US-2.496 | State of Iowa<br>Hamilton 03<br>Hamilton County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 93.7913229°W 42.5968856°N) |
| | US-2.497 | State of Minnesota<br>Stearns 14<br>Stearns County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.8587663°W 45.7690948°N) |
| | US-2.498 | State of Minnesota<br>Steele 01<br>Steele County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 93.2287143°W 43.9383793°N) |
| | US-2.499 | State of Minnesota<br>Redwood 04<br>Redwood County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 95.4899659°W 44.6199986°N) |
| | US-2.500 | State of Iowa<br>Kossuth 02<br>Kossuth County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.1046726°W 43.3769102°N) |
| | US-2.501 | State of South Dakota<br>Charles Mix 07<br>Charles Mix County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 98.1448992°W 43.2347570°N) |
| | US-2.502 | State of South Dakota<br>Clark 09<br>Clark County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 97.9077432°W 44.8578366°N) |
| | US-2.503 | State of South Dakota<br>McPherson 08<br>McPherson County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 98.8351890°W 45.6944596°N) |
| | US-2.504 | State of South Dakota<br>Roberts 02<br>Roberts County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 96.6244707°W 45.9994061°N) |
| | US-2.505 | State of Montana<br>Wheatland 01<br>Wheatland County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 109.7727183°W 46.5449673°N)”; |

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni CA-2.202 sa CA-2.205 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.201:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "**CA**<br>Il-Kanada | CA-2.202 | POU, RAT | N, P1 | | 30.10.2023 | |
| | | GBM | P1 | | 30.10.2023 | |
| | CA-2.203 | POU, RAT | N, P1 | | 31.10.2023 | |
| | | GBM | P1 | | 31.10.2023 | |
| | CA-2.204 | POU, RAT | N, P1 | | 1.11.2023 | |
| | | GBM | P1 | | 1.11.2023 | |
| | CA-2.205 | POU, RAT | N, P1 | | 1.11.2023 | |
| | | GBM | P1 | | 1.11.2023"; | |

(b) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli għaż-żona GB-2.324 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona GB-2.323:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "**GB**<br>Ir-Renju Unit | GB-2.324 | POU, RAT | N, P1 | | 9.11.2023 | |
| | | GBM | P1 | | 9.11.2023"; | |

(c) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.493 sa US-2.505 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.492:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "**US**<br>L-Istati Uniti | US-2.493 | POU, RAT | N, P1 | | 3.11.2023 | |
| | | GBM | P1 | | 3.11.2023 | |
| | US-2.494 | POU, RAT | N, P1 | | 6.11.2023 | |
| | | GBM | P1 | | 6.11.2023 | |
| | US-2.495 | POU, RAT | N, P1 | | 3.11.2023 | |
| | | GBM | P1 | | 3.11.2023 | |
| | US-2.496 | POU, RAT | N, P1 | | 6.11.2023 | |
| | | GBM | P1 | | 6.11.2023 | |
| | US-2.497 | POU, RAT | N, P1 | | 7.11.2023 | |
| | | GBM | P1 | | 7.11.2023 | |
| | US-2.498 | POU, RAT | N, P1 | | 9.11.2023 | |
| | | GBM | P1 | | 9.11.2023 | |
| | US-2.499 | POU, RAT | N, P1 | | 9.11.2023 | |
| | | GBM | P1 | | 9.11.2023 | |
| | US-2.500 | POU, RAT | N, P1 | | 8.11.2023 | |
| | | GBM | P1 | | 8.11.2023 | |
| | US-2.501 | POU, RAT | N, P1 | | 8.11.2023 | |
| | | GBM | P1 | | 8.11.2023 | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | US-2.502 | POU, RAT | N, P1 | | 8.11.2023 | |
| | | GBM | P1 | | 8.11.2023 | |
| | US-2.503 | POU, RAT | N, P1 | | 9.11.2023 | |
| | | GBM | P1 | | 9.11.2023 | |
| | US-2.504 | POU, RAT | N, P1 | | 9.11.2023 | |
| | | GBM | P1 | | 9.11.2023 | |
| | US-2.505 | POU, RAT | N, P1 | | 9.11.2023 | |
| | | GBM | P1 | | 9.11.2023”. | |